MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1850/1999/1

**General Precast Concrete Limited**

**vs**

**Abdilla Construction Limited u b'digriet tas-6 ta' Lulju 2000 il-kelma "Construction" giet sostitwita bil-kelma "Construct"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Dicembru 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa mija u disgha u sebghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm979.90c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal fornituri ta' *precast concrete* maghmula lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess, kif jirrizulta mill-istatement tas-socjeta' attrici, markata Dok "A", u

liema somma s-socjeta' konvenuta giet inutilment interpellata sabiex thallas.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament effettiv, ai termini ta' l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili, u bir-riserva ta' kull dritt fil-Ligi kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici.

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-pretensjoni tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi jekk huwa dovut, huwa ammont ferm anqas u dan peress illi l-*precast concrete slabs* provduti ma kienux tal-kwalita' u qisien miftiehma u dan kif dejjem gie ritenut u spjegat.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza xehed biss il-*General Manager* tas-socjeta' attrici Richard Xuereb, peress illi meta l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-partijiet, r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu.

Xuereb xehed illi s-socjeta' konvenuta kienet ghamlet ordni ghall-planki tal-konkons minghand is-socjeta' attrici. Ma' din l-ordni thallas depozitu ta' sitt mitt lira (Lm600.00). Dawn il-planki gew ikkonsenjati, pero' jidher illi ma kienux tad-daqs illi originarjament kienu ordnati, ghalhekk wara

diskussjonijiet illi saru bejn il-partijiet, gie deciz illi jitnaqqas tletin lira (Lm30.00) sabiex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Minkejja dan, is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont dovut, anke wara perjodu twil fejn il-kawza kienet qed tigi differita sabiex il-partijiet jippruvaw jaslu fi transazzjoni.

Il-Qorti jidhrilha li x-xhieda ta' Richard Xuereb abbinata mad-dokumenti esibiti, jlahhqu dik il-grad ta' prova necessarja ghas-success ta' l-istanza attrici. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita mix-xhieda moghtija u ghalhekk jidhrilha illi t-talba tas-socjeta' attrici timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha l-ammont ta' disa mija u disgha u sebghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm979.90c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal fornituri ta' *precast concrete* maghmula lilhom fuq inkarigu taghhom stess, kif jirrizulta mill-istatement tas-socjeta' attrici, anness ma' l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.